**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 60/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emmanuel Ebejer**

Illum, 28 ta' Lulju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Emmanuel Ebejer, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 470761(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

1. Nhar il-15 ta' Awwissu 2021, f'dawn il-Gżejjer, permezz ta' network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, għamel użu mhux xieraq bih.
2. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew eżebixxa xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbuziv jew insolenti, jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibgħeda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bazi ta' ġeneru, identita' tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, eta', dizabilita', reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilita' li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem vjolenza jew mibgħeda razzjali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 82A tal-Kapitolu 9 u l-

Artikolu 49(c) tal-Kap. 399, ilkoll tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kif dedotti, u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' priġunerija ta' sitt xhur, izda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9, ordnat li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' tlett snin mill-lum, il-ħati jikkometti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija, flimkien ma' multa fis-somma komplessiva ta' tlett elef ewro.

Rat ir-rikors tal-appellant Emmanuel Ebejer, ippreżentat fil-21 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata kif ġej:

(a) Tħassarha u tirrevokaha u tiddikjarah mhux ħati u konsegwentement tilliberah kompletament skond il-liġi.
(b) Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, jogħġobha tħassarha fil-parti tal-piena billi minflok tiġi mposta piena jew sanzjoni oħra li tkun aktar ekwa għaċ-ċirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-aggravji mqanqla mill-appellant, huwa jilmenta minn apprezzament żbaljat tal-provi mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tiegħu ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konkluzzjonijiet li waslet għalihom fuq il-provi li kellha quddiemha fid-dawl tal-liġi regolanti r-reati lilu addebitati u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Illi kemm il-darba dawn il-qrati ta' reviżjoni saħħqu illi l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-qorti tal-ewwel grad ma jiġix iddisturbat kemm il-darba dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet

għaliha. Il-Qorti għalhekk sabiex tagħmel dan l-eżerċizzju eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluz id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi l-appellant huwa mixli bir-reati imfassla fl-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u dan wara kumment li huwa kiteb fuq il-paġna tiegħu tal-*Facebook* fuq artikolu mtella' fuq is-sit *one.com.mt* li kellu t-titolu "*Jitkeċċa mill-awla tal-Qorti wara li beda jgħajjat u jargumenta*", liema kumment kien jaqra "**Itfawh fuq pallet 5 mili l-barra minn Filfla u jagħmel Alla**".

Illi, ukoll mill-istqarrija tiegħu datata is-sitta (6) ta' Lulju 2022, l-appellant jikkonferma li l-profil ta' *Facebook* bl-isem "Noel Ebejer" kien jappartjeni lilu. Huwa jikkonferma ukoll li sa fejn jaf hu l-ebda persuna oħra ħliefu ma għamlu użu mill-*username* u l-*password* tiegħu. Meta ġie mistoqsi dwar il-kumment li nkiteb fuq il-profil tiegħu, liema kumment huwa stess jiddiskrevih bħala "**kumment banali u vojt**", huwa jgħid li "**ismi hemm ma niftakarx li ktibtu**". Finalment huwa jgħid "**onestament ma niftakarx li ktibt dan il-kumment, biss jidher fuq il-profil tiegħi**". Illi l-Qorti tqies allura illi dak dikjarat mill-appellant fl-istqarrija tiegħu illi huwa għandu amnesija illi kien hu li kiteb il-kumment inkriminatorju huwa għal kollox inverosimili u għalhekk ma għandha ebda dubbju, bħall-Ewwel Qorti qabilha li kien proprju hu li kiteb il-kliem fuq il-profil tiegħu tas-sit soċjali tal-*facebook.*

**Ikkunsidrat:**

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellant huwa ġie mixli bir-reat imfassal fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali, li jiddisponi:

> **Kull min juża kwalunkwe kliem jew imġiba ta' theddid, abbużivi jew insolenti, jew jesibixxi xi materjal miktub jew stampat li jkun ta' theddid, abbużiv jew insolenti, jew xort'oħra jġib ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk iqajjem mibegħda jew vjolenza kontra xi persuna oħra jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali, razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, età, diżabilità, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda, għandu jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt (6) xhur sa tmintax(18) -il xahar ...**

Illi, l-appellant jikkontendi li ma jirriżultax mill-provi prodotti illi bil-kliem li huwa kiteb seta raġonevolment jiddeduċi illi qed iqanqal fil-qarrejja tixwix dwar mibgħeda razzjali u dana għaliex fil-fehma tiegħu id-dokumenti eżebiti ma jindikawx illi s-suġġett tal-artiklu in kwistjoni ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-*One News* kien persuna ta' nazzjonalita' barranija. Issa huwa minnu illi l-intestatura tal-artikolu ippublikat min-*news portal* tal-*One News* ma jikkwalifikax min kienet il-persuna li tkeċċiet mill-awla tal-Qorti wara li bdiet tgħajjat u targumenta. Huwa minnu ukoll li l-artiklu sħiħ bid-dettalji kollha relevanti dwar dak li seħħ ma ġiex eżebit quddiem l-Ewwel Qorti u li kien ikun ferm aktar għaqli li kieku l-Prosekuzzjoni eżebit in atti l-publikazjoni fl-intier tagħha ai fini ta' kompletezza. Dan magħdud, madanakollu mill-kummenti kollha li segwew dan l-istess artiklu, liema kummenti huma eżebiti in atti, huwa evidenti illi il-każ jikkonċerna persuna ta' nazzjonalita barranija li tressqet il-Qorti mixlija bil-kummissjoni ta' reati, u mhux biss iżda l-istess kummenti jindikaw ċar u tond illi s-suġġett ta' din il-publikazzjoni kien proprju persuna ġej minn pajjiż Afrikan[2]. Illi ukoll il-Qorti setgħet tieħu avviż ġudizzjarju ta' dan l-artikolu min-*news portal* tal-*One News* li huwa miftuħ u aċċessibbli għall-pubbliku u allura faċilment tista' issir verifika dwar il-kontenut tal-imsemmi artikolu[3].

Illi għalhekk huwa indubitat is-sens ta' animosita' lejn persuni ta' karnaġġjon skur li l-appellant kellu meta huwa kiteb il-kumment inkriminatorju fejn esprima il-fehma

[2] Ara dokument WB1 a fol.23 tal-atti.
[3] https://one.com.mt/jitkecca-mill-awla-tal-qorti-wara-li-beda-jghajjat-u-jargumenta/

illi dan il-persuna li kien ġie mixli il-qorti kellu jitħalla fuq *pellet* ħames mili 'il barra minn Filfla b'periklu għal ħajja ta'l-istess. Tant illi dan il-kumment qanqal reazzjoni istantanja fil-persuna li kkumentat warajh, ċertu John Ciantar, bil-kumment "*kantun marbut għonqu*" u allura mingħajr dubbju l-kliem miktuba mill-appellant qanqlu reazzjoni ta' mibegħda razzjali.

Illi mhuwiex neċessarju illi l-kitba stampata issir bl-intenzjoni speċifika li tqanqal mibegħda jew vjolenza, iżda jekk tali kitba meħuda fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ toħloq il-probabbilita' li tqajjem tali mibegħda, bil-leġislatur jadopera il-kliem "**jew b'hekk joħloq il-probabbiltà li, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzi kollha, titqajjem tali vjolenza jew mibegħda",** allura ir-reat jissussiti. Kien hekk deċiż:

> **"Huwa bizzejjed li jkun hemm il-probabilita". Din il-kelma ghandha nozzjoni differenti minn dik tac-'certezza'. Terga' u tghid, il-kelma 'probabilita' ghandha konnotati ferm inqas qawwija mill-frazi 'beyond a reasonable doubt.' Huwa bizzejjed dak ic-cans li tinholoq mibeghda razzjali bil-kliem li jinghad biex ikun soddisfatt dan l-element.**
>
> **Fl-ahharnett l-istess artikolu jinkludi l-frazi 'meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha'. Il-Qorti qed tiddeciedi li jezistu cirkostanzi fid-diskors li jaghtu sinjal car ta' fejn ried jasal il-kelliem. Din hija kwistjoni ta' mhux biss x' intqal, fejn intqal izda ta' kif intqal specjalment meta wiehed jisma' – flok jaqra – id-diskors. Ma' dan ghandu tizdied il-probabilita' tad-diffuzjoni estensiva permezz tal-internet.[4]"**

Ghalhekk, dina l-Qorti temmen li r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali jissussisti fil-konfront tal-appellant u għaldaqstant l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment issib ħtija fir-rigward.

Illi magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet jikkonsegwi illi tirriżulta ir-reita' ukoll għat-tieni mputazzjoni dedotta kontra l-appellant u ċioe' li għamel uzu mhux xieraq ta' apparat elettroniku. Illi kif ingħad l-appellant meta interrogat ma jiċħadx illi il-profil bl-isem Noel Ebejer jappartjeni lilu u lanqas jikkontesta dan il-fatt la quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas issa fi stadju ta' reviżjoni, għalkemm kif ingħad igħid li ma jiftakarx li kiteb il-kumment. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi d-deċiżjoni ta';l-Ewwel Qorti meta sabet ħtija għal dan ir-reat ukoll ma għandiex tiġi disturbata.

[4] App.Krim – Il-Pulizija vs Norman Lowell deċiża 15/07/2013

Illi, għalhekk, tenut kont is-suespost, l-ewwel zewġ aggravji tal-appellant qed jiġu miċħuda.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-gravam rimanenti huwa dak li jikkonċerna l-piena erogata fil-konfront tal-appellant mill-Ewwel Qorti, ta' sitt xhur priġunerija sospizi għal tlett snin bis-saħħa ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll multa ta' €3000. L-appellant jilmenta li tali piena mposta fuqu kienet waħda eċċessiva u ħarxa izzejjed u dana in vista tat-trapass taz-zmien kif ukoll tas-sitwazzjoni prezenti tiegħu, għalkemm imkien ma jindika la fir-rikors tiegħu tal-appell u lanqas fis-sottomissjonijiet orali li saru x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[5] .

Illi, dina l-Qorti hija tal-fehma li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti kienet waħda fil-parametri tal-Liġi kif ukoll waħda li tirrispekkja s-serjeta' tar-reat kommess. Mhux biss iżda l-piena hija fil-minimu tagħha u alternattiva għal dik tal-ħabs effettiv. Għalhekk dina l-Qorti tqis li ma tressqet l-ebda raġuni valida li tista' twassalha sabiex takkorda xi mitigazzjoni fil-piena erogata fil-konfront ta' l-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**

---

[5] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.